## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **STORJA (ĠENERALI)** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________________

**1. Qabbel dawn li ġejjin billi tqiegħed in-numri 2 sa 6. In-numru wieħed qiegħed bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Jean de La Vallette | Il-Palazz ta' l-Isqof | |
| | Antonio Manoel de Vilhena | It-Teatru Manoel | |
| | Jean de La Cassiere | Il-Bini ta' San Ġwann | |
| | Emmanuele Pinto | It-Twaqqif ta' l-Universita' | |
| | Emmanuel de Rohan | Il-Bini tal-Belt Valletta | 1 |
| | L-Isqof Baldassare Cagliares | Il-Bini tal-Bibljoteka | |

**(5 x 1 = 5 marki)**

**2. Aqra sewwa dan il-paragrafu u wara wieġeb id-domandi kollha.**

Malli l-Ordni daħlet fil-Belt Valletta, l-espansjoni tal-belt kienet rapida. Fil-fatt l-espansjoni li saret kienet aktar milli kienet prevista fil-bidu. L-ispazju ta' quddiem Sant Jiermu nbena, l-isptar li kellu wesgħa quddiemu, sab ruħu mdawwar bil-bini u saħansitra l-barriera abbandunata li kellha ssir kenn għax-xwieni nbniet bid-djar. Fl-1590, kien hemm il-fuq minn 3000 Malti jgħixu fil-belt, u sa l-1632, kien hemm qrib 9,000. Żviluppaw ukoll kerrejja (*slum areas*), b'mod partikulari fil-barriera tal-Mandraġġ.

*(Adattat minn Brian Blouet "The Story of Malta")*

2.1 Fejn kienet toqgħod l-Ordni qabel marret fil-Belt Valletta?

______________________________________________________________ (1)

2.2 Uża frażi jew kelma li tidher fis-silta biex tiddeskrivi s-snin 1590-1632, fl-istorja tal-Belt Valletta. ______________________________________________ (1)

2.3 Mit-test li qrajt jidher li l-popolazzjoni tal-Belt kibret sewwa bin-numru ta' Maltin li marru joqogħdu fiha. Agħti żewġ raġunijiet għaliex ħafna Maltin fittxew li jmorru joqogħdu fil-Belt Valletta.

______________________________________________________________ (2)

______________________________________________________________ (2)

2.4(i) Agħti prova mit-test li qrajt li fil-belt Valletta, kien hemm ukoll joqogħdu nies foqra.

_______________________________________________ (1)

2.4(ii) Kif kien magħruf il-post partikulari fejn kienu joqogħdu?

_______________________________________________ (1)

2.4(iii) L-area msemmija minnek fid-domanda ta' qabel, fil-bidu tal-bini tal-belt, kellha tintuża għal skop partikulari. Liema kien dan l-iskop? ______________________

_______________________________________________ (2)

2.5(i) Fit-test jissemma bini, li juri li l-Ordni kienet tagħti kas tas-saħħa tal-poplu Malti. Liema kien dan il-bini? ______________________ (1)

2.5(ii) X'użu qed isir illum minn dan il-bini?

_______________________________________________ (1)

**(12-il marka)**

**3. Qabbel dawn li ġejjin billi tqiegħed in-numri 2 sa 6. In-numru wieħed qiegħed bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | L-Inġinier Rinaldini | Is-Swar tal-Kottonera | |
| | Francoise de Mondion | Il-Kastell ta' Għawdex | 1 |
| | Pietro Paolo Floriani | Il-bini tal-Belt Valletta | |
| | L-Inginier Firenzoela | Il-Fortizza Manoel | |
| | Francesco Laparelli | Is-Swar tal-Furjana | |
| | Maurizio Valperga | Is-Swar ta' Santa Margerita | |

**(5 x 1 = 5 marki)**

**4. F'din l-istampa jidher torri ta' madwar il-kosta.**



It-torrijiet tal-Granmastru De Redin

4.1 Għid għaliex kienu meħtieġa torrijiet simili madwar il-kosta. ______________________

______________________ (2)

4.2(i) Semmi żewġ Gran Mastri li rabtu isimhom mad-difiża tal-kosta.

______________________ (1)

______________________ (1)

4.2(ii) Wieħed minn dawn il-Gran Mastri bena tlettax-il torri madwar il-kosta. Semmi tnejn minnhom.

____________________________ (1)

____________________________ (1)

4.3(i) Għid għaliex il-bini ta' dawn it-tlettax-il torri kien ta' benefiċċju speċjali għan-nies tad-dejma.

____________________________________________________________ (1)

4.3(ii) X'valur taħseb li għandhom dawn it-torrijiet illum? ____________________________ (1)

4.3(iii) X'inhu d-dmir tagħna lejhom? ________________________________________

____________________________________________________________ (2)

4.4. Liema post f'Għawdex kien ir-rifuġju ewlieni tal-poplu Għawdxi f'każ ta' xi ħbit mill-għadu? ____________________________________________________ (2)

**(12–il marka)**

5. **Ħares sewwa lejn din l-istampa u wara wieġeb id-domandi kollha.**



Mezza Galera

5.1(i) X' qiegħed tara fl-istampa?

____________________________ (1)

5.1(ii) Liema bandiera qiegħda tperper fuqha?

____________________________ (1)

5.1(iii) Semmi żewġ mezzi li kienet timxi bihom.

____________________________ (1)

____________________________ (1)

5.2 Agħti l-ismijiet ta' żewġ kategoriji ta' nies b'xi rabta ma' dawn il-mezzi.

____________________________ (1) ____________________________ (1)

5.3 L-Ordni ta' San Ġwann kellha numru ta' biċċiet tal-baħar bħal dawk indikati fl-istampa. Semmi żewġ għanjiet għalxiex kienu jintużaw.

____________________________________________________________ (2)

____________________________________________________________ (2)

5.4(i) X'kien jissejjaħ il-post fejn l-Ordni kienet tibni u ssewwi l-biċċiet tal-baħar tagħha?

____________________________________________________________ (1)

5.4(ii) Fejn kien jinsab dan il-post? ________________________________________ (1)

5.5 Semmi żewġ battalji importanti li fihom ħadu sehem il-bicciet tal-baħar indikati fl-istampa.

____________________________ (1) ____________________________ (1)

5.6 Kif għenet din l-attivita' fuq il-baħar biex tjiebet il-qagħda tal-Maltin?

____________________________ (1) ____________________________ (1)

**(16–il marka)**

**6. Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb id-domandi kollha.**

Napuljun Bonaparti dam Malta mit-13 sad-19 ta' Ġunju 1798. Fl-ewwel lejl raqad fil-Banka Ġuratali (illum ir-Registru Pubbliku) u l-bqija f'Palazzo Parisio. F'dawn il-ftit jiem, hu biddel għal kollox is-sistemi amministrattivi, kostituzzjonali, leġislattivi, edukattivi u oħrajn tal-gżira. L-ewwel ħaġa li għamel kienet li waqqaf Kostituzzjoni għal Malta li biha dawn il-ġżejjer kellhom jiġu mmexxija minn Kummissjoni tal-Gvern magħmula minn disa' persuni. Dawn kellhom jingħażlu mill-Kap Kmandant tal-gżira. In-nies magħżula kienu Bosredon Ransijat, il-Kanonku Franġisk Saver Caruana, l-avukat Beneditt Schembri, il-Baruni Dorell, Dun Vinċenz Caruana, Dottor Grungo, in-nutar Kristofru Frendo, in-negozjant Pawlu Ciantar u s-sur Karlu Astor. Teżorier ta' din il-kummissjoni nħatar l-ex-Konti Ġan Franġisk Sant.

6.1(i) Fl-ewwel paragrafu ta' dan il-passaġġ tissemma persuna prominenti ħafna fl-Istorja ta' l-Ewropa. Min kien? ______________________________ (1)

6.1(ii) Għaliex kien qiegħed hawn Malta? ______________________________ (2)

6.2(i) Kif tista' tiddeskrivi l-ġranet mit-13 sad-19 ta' Ġunju 1798 fl-Istorja ta' Malta? (1)

6.2(ii) Għid għaliex jista' jissejjaħ hekk. ______________________________

______________________________ (2)

6.3(i) Għid min kien jaħkem fuq il-Gżejjer Maltin sat-12 ta' Ġunju 1798.

______________________________ (2)

6.3(ii) Spjega għaliex il-kostituzzjoni li ngħatat minn Napuljun kienet avvanz fuq il-forma tal-gvern li kien hawn sat-12 ta' Ġunju 1798. ______________________________

______________________________ (2)




6.4(i) F'din il-mappa naraw kif Malta u Għawdex inqasmu f'diversi taqsimiet fi żmien il-Franċiżi. X'kienet tissejjaħ kull taqsima? ______________________________

______________________________ (2)

6.4(ii) Kemm kien hemm minnhom?

______________________________ (1)

6.5(i) Fit-tieni paragrafu tas-silta li hemm fil-bidu ta' dan l-eżempju jissemma persunaġġ li kellu rwol importanti fi żmien l-Imblokk fil-kampanja.

Min kien dan il-persunaġġ? ______________________________ (1)

(ii) X'kariga kellu fil-kampanja fi żmien l-Imblokk? ______________________________ (1)

**(15-il marka)**

**7. Wieġeb dawn id-domandi kollha.**

7.1(i) Liema kienet il-belt kapitali ta' Malta fl-1530? ______________________________ (1)

7.1(ii) X'kellha din il-belt li kien jiddistingwiha mill-postijiet l-oħra ta' Malta?

______________________________ (1)

7.1(iii) X'kien l-użu tagħhom? ______________________________ (1)

7.2(i) Fl-1530, Malta għaddiet f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann.

X'effett kellha l-miġja tal-Kavallieri fuq din il-belt? ______________________________ (1)

7.2(ii) Għaliex seħħ dan? ______________________________ (2)

7.3(i) Fl-1693 din il-belt intlaqtet minn xi ħaġa naturali. X'kienet?

______________________________ (1)

7.3(ii) X'effett ħalla fuq din il-belt? ______________________________ (2)

7.3(iii) Min kien il-perit li fi żmien il-Gran Mastru Vilhena wettaq diversi proġetti f'din il-belt?

______________________________ (1)

7.3(iv) F'din il-belt insibu knisja partikulari. X'tissejjaħ din il-knisja?

______________________________ (1)

7.4 Fit-2 u fit-3 ta' Settembru 1798, il-belt indikata minnek kienet involuta f'avveniment importanti fl-istorja ta' Malta. Liema kien? ______________________________

______________________________ (2)

7.5 Għid għaliex ħafna turisti jżuru din il-belt kuljum? ______________________________

______________________________ (2)

**(15-il marka)**

**8. Ikteb komponiment fuq WAĦDA minn dawn li ġejjin.**

8.1 Fi żmien l-Ordni l-Belt Valletta kienet ċentru amministrattiv, kulturali u kummerċjali. Ikkummenta.

8.2 Spjega kif l-Ordni saħħet id-difiża ta' madwar il-Port il-Kbir fis-Seklu XVII u XVIII.

8.3 X'miżuri ħadet l-Ordni biex ittejjeb il-provvista ta' l-ilma fil-Belt Valletta?

8.4 X'wassal lill-Maltin biex jirvellaw kontra l-Franċiżi?

8.5 X'inhuma l-karatteristiċi prinċipali tar-raħal Malti?

**(20 marka)**